MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 11/2000/1

**John u Josephine mizzewgin Azzopardi**

**vs**

**Lawrence Triganza**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Gunju, 2002 il-Bord li Jirregola l-Kera ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord,

Ra r-rikors ta' l-esponenti;

Illi huma jikru lil Melita Triganza it-terran 38 Triq San Vincenz, Sliema, bil-kera ta' Lm30 fis-sena li thallas sal-31

ta’ Dicembru 1999, fil-kors ta’ liema tigdid mietet l-inkwilina, izda l-intimat binha naqas li jirritorna ic-cavetta lill-esponenti.

Illi dak it-terran jikkonsisti f’zewg kmamar mehudin mill-fond fejn joqghodu l-esponenti.

Illi l-intimat hu mizzewweg u ghandu daru band’ohra.

Illi inoltre, l-esponenti ghandhom bzonn dak it-terran biex jergghu jghaqqduh mal-kumplament tad-dar, mionhabba l-ambjent ristrett li ghandhom fejn joqghodu.

Ghalhekk l-esponenti bir-rispett jitolbu li dan il-bord jawtorizzhom jirriprendu pussess tal-istess terran f’terminu qasir u perenterju li jigi ffissat ghall-izgombrament, bl-ispejjez kontra l-intimat.

Ra r-risposta ta’ l-intimat;

Preliminarjament in-nullita’ tar-rikors minhabba li ma sarx kif jipprovdi l-artikolu 25(2) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta li tassattivament jipprovdi (b’riferenza ghall-Formula B fl-iskeda mal-istess Kap 69) li r-rikorrent ghandu jindika meta jaghlaq it-tigdid kurrenti tal-kera.

Illi inoltre dan il-Bord mhuwiex kompetenti, kif mitlub biex jittermina il-kirja billi jawtorizza r-ripresa tal-fond “f’terminu qasir u perentorju” izda semmai li ai termini ta’ l-artikoli 8 (2) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta, jawtroizza lil sid il-kera biex “jiehu lura ghall-pussess tal-fond **fit-tmiem tal-kiri.”**

Illi meta omm l-esponent Melita Triganza meta din mietet fis-27 ta’ Jannar 1999, huwa kien ilu snin joqghod maghha fid-dar numru 38, St. Vincent Street, Sliema, bhala l-unika residenza tieghu.

Illi ghalhekk huwa kellu dritt igedded il-kirja bhala inkwilin ta’ l-istess post u dan gie effettivament rikonoxxut mill-istess rikorrenti.

Ili l-esponenti ilu legalment separat minn martu mit-12 ta' Novembru 1996, u ghalkemm ghad ghandu sehem indiviz mid-dar fejn illum tabita martu, huwa ma ghandux dritt jabita fiha. Ghalhekk huwa ma ghandu ebda post iehor fejn jabita hlif ir-residenza prezenti tieghu.

Illi mhux veru li r-rikorrenti ghandhom bzonn il-post tieghu tant li matul is-sena l-ohra kienu offrew li jikrulu l-istess post mill-gdid pero b'kera awmentat.

Illi f'kull kaz ir-rikorrenti ghandhom fejn joqghodu waqt li l-esponent ma ghandu ebda post iehor fejn jista' jirrispjedi, u ghalhekk l-aggravju fuq l-esponent ikun kbir waqt li r-rikorrenti ma huma qedghin ibatu ebda aggravju.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra d-dokumenti mressqa quddiemu.

Ra l-atti.

Ra l-verbal tal-25 ta' Frar 2002.

Ikkonsidra,

1. B'sentenza tat-30 ta' Jannar 2001 il-Bord cahad l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' l-intimat.

2. Il-post kien mikri lil Melita Triganza omm l-intimat li mietet f'Jannar 1999. Zewgha Pawlu miet fl-1991. Fl-1991, ir-rikorrenti xtraw il-post fejn joqghodu li jigi biswiet il-fond 'de quo' mixtri fl-1994.

3. Ghalkemm ir-rikors seta sar ferm ahjar il-Bord jifhem li r-rikorrenti qed jghidu li meta mietet Melita Triganza l-intimat ma kienx joqghod maghha u ghalhekk ma hux kerrej skond it-tifsira moghtija fl-art 2 tal-Kap 69.
"kerrej tfisser ukoll……………..
(b) fil-kaz ta' dar ta' abitazzjoni, meta l-kerrej ma jhallix warajh armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu."

4. B'kuntratt tat-12 ta' Novembru 1996 l-intimat infired minn martu. Fost hwejjeg ohra gie stipulat li
"(8) Dwar id-dar konjugali l-partijiet jaqblu li dan il-fond li jgib l-indirizz "Prinjola" Triq ic-Cawsli, San Gwann jappartjeni lil komunjoni tal-akkwisti esistenti bejniethom in kwantu inxtara fiz-zwieg. Dwar il-fond imsemmi huwa qeghdin jaqblu li dan ghandu jinbiegh u li r-rikorrent tal-istess bejgh tieghu jinqasam f'parti ugwali bejniethom wara li jithallas id-dejn li hemm pendenti mal-Lohombus Corporation fuq l-istess dar. Il-partijiet qeghdin jaqblu ukoll illi huma ghandhom jippruvaw li jbieghu l-istess dar fi zmien sitt xhur minn meta jigi ppubblikat dan l-att. Matul dan il-perjodu ta' sitt xhur Mary Anne Triganza jkollha d-dritt li tibqa' tabita god-dar konjugali ad eskluzzjoni ta' zewgha Lawrence Triganza. Jekk il-partijiet ma jirnexxilhomx jghaddu ghall-bejgh imsemmi fiz-zmien stipulat, Lawrence Triganza qighed jobbliga ruhu li jestendi z-zmien ta' abitazzjoni li martu se tgawdi fuq il-fond konjugali ghal perjodu ta''tlett xhur kull darba sakemm jinbiegh l-istess fond." (fol 12-13).

5. L-intimat jistqarr li fil-21 ta' Gunju 1996 hu telaq mid-dar u mar joqghod ma' ommu. Qabel hu u z-zewg hutu, xhieda f'dawn il-proceduri, kienu skond min minnhom imissu, jorqdu ma' ommhom. Mid-data fuq imsemmija l-intimat baqa' wahdu jorqod m'ommu. F'Settembru 1996 ghamel il-karta ta' l-identita' fuq il-post in kwistjoni (fol 46-47). Hut l-intimat Spiridione u Lawrence ahwa Triganza jghidu li huhom mar joqghod ma' ommhom u jghix hemm (fol 53). Fuq il-kuntratt ta' separazzjoni l-intimat hu mnizzel li joqghod Tas-Sliema. Il-fond in kwistjoni jinsab hemmhekk. Ma jirrizultax li ghandu djar ohra.

6. Mill-provi li ghandu quddiemu, l-Bord hu tal-fehma li l-intimat kien joqghod m'ommu ferm qabel il-mewt taghha. Infired minn martu u biddel ir-residenza. Saru trattattivi bejn il-partijiet biex jintlahaq xi arrangament. Jirrizulta li l-intimat kien lest li jitlaq imma d-dar konjugali baqghet ma inbieghetx hu baqa' go fond ckejken. Ghalhekk l-intimat hu 'kerrej' skond it-tifsira tal-ligi.

7. Ir-rikorrenti qed jitolbu l-fond lura “biex jergghu jghaqqduh mal-kumplament tad-dar (taghhom) minhabba l-ambjent ristrett li ghandhom fejn joqghodu.” B’din il-kawzoli r-rikorrenti qed jammettu li bejnhom u bejn l-intimat hemm ir-rabta ta’ sid u kerrej kif irrizulta mix-xhieda.

8. Il-gurisprudenza tghallem li
“L-ewwel rekwijiet hiex sid jitlob ir-riferenza ta’ pussess ta’ fond hu x’inhu ghall-okkupazzjoni tieghu taht din id-dispozizzjoni tal-ligi, huwa illi hu ‘requires’ li jaghmel hekk. Din id-dispozzjoni kienet giet modellata fuq il-ligi Ingliza tal-1933. Huwa car li l-kelma “requires” tindika bzonn u mhux semplici xewqa jew preferenza. Il-piz tal-prova ta’ dan il-bzonn hu fuq is-sid li jehtieg juri mhux biss illi hu qieghed jagixxi in buona fede imma anke li hu ghandu bzonn li jirreprendi l-pussess tal-fond. Certament mhux mehtiega li tigi ippruvata neccessita’ assoluta izda ugwlment hu cert li jehtieg li jigi provat grad ragonevoli ta’ bzonn.” (Koll. Vol XLVI – I – 254, App. Civ. “Saliba vs Caruana “, 28/5/62).

9. Ir-rikorrenti xtraw it-terran bil-hsieb li meta tigi nieqsa Melita Triganza huma jinfduh ma’ taghhom, skond il-htigijiet tal-familja. Fejn joqghodu r-rikorrenti u l-fond ‘de quo’ kienu darba haga wahda. Huma ghandhom zewgt itfal maghhom, wiehed ta’ ghoxrin sena u ohra ta’ tnejn u ghoxrin sena. Ghandhom ukoll tifel iehor imsiefer li gieli jigi Malta (fol 16). It-tfal li jinsabu Malta qedghin jistudjaw. Il-familja Azzopardi ghandha erbat ikmamar tas-sodda (wahda minnhom zghira), kcina u toilet (fol 19). Zgur li r-rikorrenti ghandhom bzonn it-terran.

10. F’dan il-kaz l-intimat ma ghandu l-ebda dar fejn imur joqghod jekk jigi zgumbrat. Ic-cirkustanzi gew kif gew. Hemm dar li hi tieghu u ta’ martu fejn hu ma jistax imur joqghod. Il-Bord jifhem li l-intimat u martu meta jbiegh d-dar bir-rikavat li jiksbu jsibu dar ohra. Iz-zmien qed itul. Ir-rikorrenti mhux qed joffru ‘suitable alternative accomodation’ u lanqas ghandhom x’joffru. Il-gurisprudenza tghalem li n-nuqqas ta’ ‘suitable alternative accomodation’ mhux ta’ ostaklu lis-sid li jerga’ jiehu f’idejh

fond. Imma f'dan il-kaz il-bord ghandu d-dmir li jezamina 'il-hardship' rispettiv tal-partijiet (ara 'Cassar vs Borg', 16/5/60 App. Civ u sentenzi li mxew fuqha).

11. Jekk l-intimat jigi maqlugh barra minn fejn hu ser isib ruhu fit-triq. Mill-banda l-ohra r-rikorrenti ghandhom fejn joqghodu ghalkemm jixtiequ jkabbru kif ghandom jedd wara li xtraw post. Min jixtri dar bin-nies ga fiha jkun qed jiehu riskju kif gara f'dan il-kaz.

<u>Fid-dawl tal-provi prodotti u rebus sic stantibus</u>, il-Bord hu tal-fehma illi l-hardship ta' l-intimat kieku kellu jigi zgumbrat ma jkunx izghar minn dak tar-rikorrenti jekk it-talba taghhom ma tigiex milqugha.

Ghalhekk il-Bord jichad it-talbiet tar-rikorrenti. Billi l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimat gew michuda u mhabba kif sehhu l-affarijiet; l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

Ir-rikorrenti appellaw minn din is-sentenza b'dawn l-aggravji:-

i. Il-Bord ma kienx korrett meta irritjena li l-intimat bhala membru tal-familja kien joqghod ma' l-inkwilina ommu. Huma jikkontendu illi fil-kuntest tal-ligi specjali (Kap 69) 'familja' ghandha tikkomprendi biss 'membri ta' household', u l-intimat ma setax jitqies tali gjaladarba kien izzewweg u mar joqghod band'ohra.

ii. L-apprezzament li ghamel il-Bord tal-'hardship' relattiv kien wiehed zbaljat Huma jissottomettu illi l-intimat kellu l-fond matrimonjali u zewg garages disponibbli ghad-disposizzjoni tieghu u jekk hu accetta li jirrinunzja ghad-dritt ta' abitazzjoni fir-rigward tal-fond konjugali hu kaz ta' "self-inflicted hardship". Isostnu wkoll illi huma ma kienux tenuti joffru "alternative accomodation" gjaladarba l-intimat kellu band'ohra fejn joqghod.

Anke jekk bhala Qorti ta' revizjoni din il-Qorti ma hijiex strettament tenuta tissostitwixxi l-apprezzament taghha tal-provi ghal dik tal-Bord, xorta wahda ser taghmel rivizita ta' dawn l-istess provi ghall-ahjar istruzzjoni ta' l-aggravji

dedotti u biex inoltre tkun sodisfatta li altrimenti mhux ser tigi krejata ingustizzja manifesta ("**J. Walker nomine –vs- E. Pizzuto**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999).

Il-fatti li pprecedew u taw lok ghal din il-kawza huma fil-qosor is-segwenti:-

1. Il-fond 38 Triq San Vincenz, Sliema kien affittat lil Melita Triganza. Din mietet fl-1999.
2. Fil-21 ta' Gunju 1996 l-intimat binha mar joqghod permanentement maghha. Gja qabel din id-data, wara l-mewt ta' missieru fl-1991, hu u hutu kienu jalternaw biex jiehdu kura ta' ommhom. Ara xhieda tal-intimat u ta' hutu Spiridione Triganza (fol 51) u Joseph Triganza (fol 57).
3. Id-decizjoni tal-intimat li jmur jirrisjedi ma' ommu kienet precipitata minhabba kwestjonijiet konjugali bejnu u martu li wasslet ghas-separazzjoni personali definittiva bil-kuntratt tat-2 ta' Novembru 1996 (fol 9).
4. Skond il-kundizzjoni (8) tal-imsemmi kuntratt jidher pattwit illi mart l-intimat tkompli tabita fil-fond matrimonjali, ad eskluzjoni ta' zewgha, sakemm jinsab il-bejgh tieghu.
5. Ir-rikorrenti xtraw il-fond mikri fl-1994 bl-iskop li jkabbru l-akkomodazzjoni prezenti taghhom. Il-fond lokat lill-intimat jikkonsisti f'zewgt ikmamar u skond ir-rikorrenti Josephine Azzopardi (fol 32) huma jriduhom biex ikollhom sitting room u kamra ta' l-ikel.
6. Wara l-mewt ta' Melita Triganza sar xi diskors bejn il-partijiet bit-tama li jintlahaq ftehim bonarju. Ir-rikorrenti jghidu li wara li kellmu lill-intimat dan qalilhom biex jissaportuh ftit sakemm jiggradwa ibnu. Ara xhieda tar-rikorrenti John Azzopardi (fol 15). Dan pero' hu zmentit mill-intimat (fol 47).
7. Ir-rikorrenti sidien jikkonsistu f'familja ta' hamsa min nies u l-fond taghhom jikkonsisti f'erba' bedrooms fuq u kcina u toilet isfel (deposizzjoni tar-rikorrent John Azzopardi, fol 19).
8. Invece l-intimat jghix wahdu fil-fond mikri konsistenti minn zewg kmamar. Jinghad ukoll illi oltre l-fond konjugali li fih tghix martu u t-tfal l-intimat ghandu zewg garages, wiehed San Gwann u l-iehor Ta' Giorni (xhieda ta' l-intimat in kontro-ezami a fol 55).

Ikun opportun jekk bl-ghajnuna tal-gurisprudenza jigu sottolinejati certi principji regolatrici li jghoddu ghal kaz.

Ibda biex "hu fatt li fid-Dritt Giustinianeo, u precizament bin-Novella 118, il-koncett espress tal-kelma "familja" gie estiz u aktar armonizzat mas-sens naturali, u liberat mill-artificjalita` tal-"patria potestas", u gie maghmul li jikkomprendi dawk kollha kongunti permezz tad-demm u dixxendenti wahda mill-ohra jew minn stipiti komuni" – "**Wisq Rev. Padre Leone Zammit –vs- Antonio Farrugia et**", Appell, Sede Inferjuri, 13 ta' Gunju 1953.

Dan il-kuncett issokta jigi amplikat fis-sens illi, kif intqal, "l-espressjoni membru tal-familja ma tirrikjedix li l-konsangwinita` hi bilfors u dejjem pre-rekwizit tal-"membership" tal-istess familja" ("**Joseph Caruana –vs- Salvatore Pulis**", Appell, Sede Inferjuri, 3 ta' Dicembru 1975).

Fuq l-iskorta ta' l-insenjament fil-kawza "**Palmier –vs- Biggerstaff**", Appell Civili 25 ta' Marzu 1960 gie ritenut illi "l-kelma "familja" fil-kontest tal-Kap 109 (illum Kap 69), fin-nuqqas ta' kliem iehor li jillimita s-sinjifikat taghha, ghandu jkollha t-tifsir ordinarju taghha u m'ghandiex tinghata ebda nterpretazzjoni stretta. It-test li ghandu jigi applikat huwa jekk bniedem ordinarju kienx iqis lil persuna in kwestjoni bhala membru tal-familja tal-kerrej … … Normalment jitqiesu bhala membri tal-familja tal-kerrej dawk kollha li joqoghdu mieghu permanentement fis-sens li jaghmlu d-dar taghhom mieghu" – "**Vincent Zammit –vs- Vincent Kerr**", Appell, Sede Inferjuri, 11 ta' Marzu 1966.

L-intimat hu iben l-inkwilina precedenti tal-fond u ghalhekk indubbjament jikkwalifika in forza tar-rabta stretta ta' konsangwinita` bhala membru tal-familja taghha. Dan pero' wahdu mhux bizzejjed billi kien jinnecessita wkoll skond id-definizzjoni tal-kelma 'kerrej' fit-test tal-ligi (Art 2, Kap 69) riferibilment ghal dar ta' abitazzjoni illi hu kien joqghod mal-kerrej fiz-zmien tal-mewt taghha. Fil-kaz prezenti l-intimat appellat hu sokkors mill-fatt illi hu kien ilu joqghod permanentement ma' ommu ghal cirka tliet snin qabel id-decess taghha. Dan l-istat ta' fatt jintitolah ghall-

protezzjoni shiha tal-ligi billi fih jirrivestu ruhhom ir-rekwiziti kollha li trid il-ligi.

Din ir-residenza  tal-intimat mal-inkwilina ma kienetx wahda kazwali jew saltwarja, jew ghal semplici kumdita` ahjar, jew ta’ semplici pjacir, imma r-residenza ordinarja tieghu, anke jekk ghall-bzonm mhux l-unika residenza tieghu, imma dejjem haga imposta min-necessita`.  Ara fuq din it-tematika d-decizjoni ta’ l-Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran tal-25 ta’ Mejju 1966 fil-kawza fl-ismijiet “**Dr. John Agius M.D. – vs- Marlene Copperstone et**”.

Fil-kaz in ispecie din in-necessita` ghall-intimat kienet imposta fuqu minhabba l-fatt tal-firda personali, li meta ssehh, jekk wiehed irid ikun karitetevoli, ma tistax titqies kapricc.

Dan premess, jokkorri li r-rikorrenti sidien jissodisfaw il-htiega tat-talba taghhom tar-ripreza tal-fond.  Hu in fatti pacifiku illi “biex wiehed jipprendi l-pussess ta’ fond jehtieg li jipprova t-talba” (“**Bianca armla Ganado et –vs- Anthony Mizzi**”, Appell Civili, 20 ta’ Jannar 1964).

“Huwa car li l-kelma “requires” fid-disposizzjoni tal-ligi (Art 10 (b) illum Art 9 (b)) tindika “bzonn mhux semplici xewqa jew preferenza.  Il-piz tal-prova ta’ dan il-bzonn hu fuq is-sid li jehtieg juri mhux biss li hu qed jagixxi in buona fede imma wkoll illi hu ghandu bzonn li jirriprendi pussess tal-fond” – “**Anthony Saliba –vs- Mary Caruana**”, Appell Civili, 28 ta’ Mejju 1962.  Altrimentri l-inkwilin ma ghandux jigi disturbat bla bzonn fid-dgawdija tal-fond mikri ghax kwalunkwe zgumbrament igib ‘hardship’ u l-izgumbrament ghalhekk irid ikun gustifikat (Ara “**Yolanda Camilleri –vs- Francesco Saverio Fava**”, Appell Civili, 18 ta’ Marzu 1974).

Wiehed ghalhekk ghandu joqghod ferm attent fl-evalwazzjoni tal-bzonn u ma jesagerax izzejjed.  Kif osservat fid-decizjonijiet fl-ismijiet “**John Debattista –vs- Beatrice Galea Preca**”, Appell Civili, 20 ta’ Marzu 1978 u “**Richard Zammit Tabone –vs- Hillborne Stacey Hawkes**”, Appell Civili, 15 ta’ Novembru 1989, fuq l-

istregwa tad-decizjoni Ingliza "**Aitken vs Shaw**", "requires" tikkonnota "something more than desire, although at the same time something much less than absolutely necessity will do".

Fil-kaz in ezami l-Bord wara li evalwa l-fond tar-rikorrenti u l-komponenti tal-familja taghhom iddeduca li "zgur li r-rikorrenti ghandhom bzonn it-terren". Din il-Qorti ghandha certi rizervi dwar dan gjaladarba, kif mistqarr, ir-rikjesta tar-ripreza qed issir ghall-iskop li r-rikorrenti ikollhom sitting room u dining room. Anke jekk desiderabbli u forsi anke necessitati, ma jidherx li jista' jinghad li dan iqarreb lejn dak il-fattur predominanti tal-veru grad ragjonevoli tal-bzonn, rebus sic stantibus.

Izda anke jekk din il-Qorti taccetta l-konkluzjoni mill-Bord raggunta fuq dan il-punt, xorta wahda t-talba tar-rikorrenti hi destinata li tfalli fuq il-bazi tal-ezami tal-"hardship" rispettiv.

Tajjeb li jigi precizat mill-ewwel f'dan il-kuntest illi skond il-ligi "l-offerta ta' "alternative accomodation" mhiex kondizzjoni 'sine qua non' biex is-sid ikun jista' jiehu pussess tal-fond tieghu" – "**Carmelo Gauci –vs- Emmanuele Cachia**", Appell Civili, 12 ta' Frar 1954.

Minn naha l-ohra f'kazijiet ta' hardship "il-Bord ghandu jqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kompriza dik ta' any alternative accomodation available for the landlord or the tenant" – "**Emmanuele Micallef –vs- Vincent Scerri**", Appell Civili, 15 ta' Mejju 1953.

Issa hi wkoll gurisprudenza kif sewwa rrilevaw l-appellanti illi "jekk il-kerrej ghandu suitable alternative accomodation" ma hemmx bzonn u ma huwiex il-kaz li jigi paragonat il-hardship rispettiv tal-partijiet u s-sid ghandu jigi moghti l-pussess tal-fond jekk hu jipprova li ghandu grad ragjonevoli ta' bzonn li jiehdu ghall-okkupazzjoni tieghu jew tal-persuni msemmija fil-ligi" – "**Wisq Rev. Kan Dun Giuseppe Zammit –vs- Francis Gatt**", Appell Civili, 4 ta' Frar 1985.

Ir-rikorrenti appellanti jippretendu illi l-intimat ghad ghandu disponibbli ghalih il-fond konjugali. Dwar dan gja gie muri illi skond it-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni l-appellat ma ghadx baqalu l-jedd li jokkupa b'sikurezza dan il-fond. Imbaghad, l-appellanti jikkontendi wkoll illi l-appellat ghandu ghad-disposizzjoni tieghu zewg garages u allura jista' jokkupa wiehed minnhom. Dan pero` ma huwiex bizzejjed biex jista' jinghad li ghandu "alternative accomodation". Dan ghar-raguni illi ried jigi wkoll provat mill-appellant illi l-garage kien "<u>suitable</u>" moghni b'dawk il-karatteristici u rekwiziti ezemplifikati u ahjar dettaljati fid-decizjoni fl-ismijiet "**Salvu Sultana –vs- Carmelo Vassallo**", Appell Civili, 12 ta' Ottubru 1973. Fil-kaz in dizamina tali prova ma saretx u ghalhekk il-konkluzjoni tal-Bord ma tistax titqies guridikament vizzjata.

Fl-ahharnett il-Qorti ma taqbelx illi tista' titqies il-fatt tar-rinunzja tad-dritt ta' abitazzjoni fil-fond konjugali bhala 'self-inflicted hardship'. Tali rinunzja trid tigi ezaminata u apprezzata fil-kaz konkret u ma jidherx li hi xi haga straordinarja illi koppja li tkun qed tissepara tilhaq arrangament bhal dak milhuq bejn l-appellat u martu. F'dan il-kuntest il-Qorti tikkondividi l-hsieb akkolt mid-decizjoni fl-ismijiet "**Vincenza Borg –vs- Carmelo Vella**", Appell Civili, 5 ta' Dicembru 1958 illi s-self-inflicted hardship tokkorri meta l-kerrej b'manuvra arkitettata minnu jipprokura l-izgumbrament tieghu nnifsu. Dan ma jidherx li kien hekk il-kaz hawnhekk u l-ebda prova fir-rigward ma ngiebet mill-appellanti ta' xi manuvra bhal din.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra addottati mill-Bord, l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata. Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez anke ta' din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------